



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fis-16 ta' Frar 2017¹

Kawża C-228/16 P

Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI)

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Appell — Ġhajjnuna mill-Istat — Rifjut li tingħata ordni għas-sospensjoni tas-sentenza ta' tribunal tal-arbitraġġ dwar it-tariffa tal-elettriku li Alouminion SA għandha tħallas lil DEI — Rifjut li jingħata segwitu għall-ilment ta' DEI dwar l-allegata għajjnuna mill-Istat mogħtija lil Alouminion SA — Tariffi tal-elettriku mnaqqa”

I. Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tagħha, Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI) titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tad-9 ta' Frar 2016, DEI vs Il-Kummissjoni (T-639/14, mhux ippubblikat, EU:T:2016:77, iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”) li permezz tiegħu din iddeċidiet li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni Ewropea COMP/E3/ON/AB/ark *2014/61460, tat-12 ta' Ġunju 2014 (iktar 'il quddiem “l-ittra kontenzjuża”), li tiċħad l-ilmenti ta' DEI dwar l-għajjnuna mill-Istat.

2. Permezz tal-aggravji tal-appell tagħha, DEI ssostni li, bid-deċiżjoni li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors tagħha, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi, kisret id-dritt għal smiġh tagħha u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, żnaturament tal-fatti kif ukoll tal-argumenti tagħha. Dawn l-aggravji ma jqajmu l-ebda kwistjoni ta' dritt ġdida, minbarra t-tieni aggravju li skontu l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

3. Konsegwentement, f'konformità mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet se jkunu mmirati lejn it-tieni aggravju tal-appell li jqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li “[f]id-dawl tar-rekwiżiti ta' amministrazzjoni tajba u ta' ċertezza legali, kif ukoll tal-prinċipju ta' protezzjoni ġuridika effettiva, għandu jitqies, minn naħa, li l-Kummissjoni tista' tirtira biss deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' ilment dwar allegata għajjnuna illegali, bl-għan li tirrimedja illegalità fl-imsemmija deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, li wara tali rtirar hija ma tistax tkompli l-proċedura minn stadju ta' qabel il-punt preċiż li fih l-illegalità kkonstatata tkun twettqet”.

¹ — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

4. DEI hija kumpannija Griega li l-azzjonist maġġoritarju tagħha huwa l-Istat Grieg. L-attività prinċipali tagħha hija l-produzzjoni tal-elettriku. Fost il-klijenti tagħha hemm, b'mod partikolari, Alouminion SA. Wara tilwima bejn dawn iż-żewġ impriżi dwar it-tariffa tal-elettriku, l-awtorità Griega għar-regolazzjoni tal-enerġija (iktar 'il quddiem l-“RAE”) stabbilixxiet tariffa provviżorja. F'ilment indirizzat lill-Kummissjoni fil-15 ta' Ġunju 2012 (iktar 'il quddiem l-“ilment tal-2012”), DEI sostniet li din it-tariffa tobbligaha tforni l-elettriku lil Alouminion bi prezz irħas mill-prezz tas-suq u li, minħabba f'hekk, l-RAE kienet qiegħda tagħti lil din il-kumpannija għajnuna mill-Istat illegali.

5. Fil-31 ta' Ottubru 2013, tribunal tal-arbitraġġ stabbilit minn DEI u minn Alouminion iffissa t-tariffa, b'effett retroattiv, tal-elettriku fornut minn DEI f'livell saħansitra iktar baxx minn dak li kien ġie stabbilit b'mod provviżorju mill-RAE.

6. Fit-23 ta' Diċembru 2013, DEI rressqet it-tieni lment quddiem il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem l-“ilment tal-2013”) billi sostniet li s-deċiżjoni ta' arbitraġġ kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

7. Fis-6 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni kkomunikat lil DEI l-evalwazzjoni preliminari tagħha li skontha ma kienx hemm lok li jingħata segwitu għall-eżami tal-ilment tal-2013, sa fejn id-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Ġunju 2014 u b'risposta lill-Kummissjoni, DEI bagħtitilha osservazzjonijiet komplementari.

8. Permezz tal-ittra kontenzjuża, il-Kummissjoni informat lil DEI li l-informazzjoni li tinsab fl-ittra tagħha tas-6 ta' Ġunju 2014 ma kinitx tqajjem dubju dwar l-evalwazzjoni preliminari li tinsab fl-ittra tagħha tas-6 ta' Mejju 2014. Fil-fehma tagħha, id-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma kinitx tikkostitwixxi miżura imputabbli lill-Istat peress li dan tal-aħħar ma setax jiddetta d-deċiżjoni tat-tribunal ta' arbitraġġ², u lanqas ma kienet tagħti vantaġġ selettiv lil Alouminion. Konsegwentement, “is-servizzi tad-DG ‘Kompetizzjoni’ kkonkludew li [l-informazzjoni li tinsab fl-ittra tas-6 ta' Ġunju 2014] ma [kinitx] suffiċjenti sabiex tiġġustifika investigazzjoni ġdida tal-ilment”. [traduzzjoni libera]

III. Ir-rikors għal annullament kontra l-ittra kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet ikkontestat

9. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Awwissu 2014, DEI talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinsab fl-ittra kontenzjuża.

10. Permezz ta' ittra tas-7 ta' Ottubru 2014, indirizzata lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, DEI u l-Kummissjoni, flimkien, talbu għas-sospensjoni tal-proċedura pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali għal perijodu ta' sitt xhur, jiġifieri sas-7 ta' April 2015, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżamina mill-ġdid il-kwistjonijiet imqajma fir-rikors. Din laqgħet din it-talba permezz ta' digriet tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2014.

11. Fil-25 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2015) 1942 finali dwar l-għajnuna mill-Istat allegata SA.38101 (2015/NN) (ex 2013/CP) mogħtija lil Alouminion SA fil-forma ta' tariffi tal-elettriku irħas mill-ispejjeż, wara deċiżjoni ta' arbitraġġ (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni formali”). Fil-punt 12 tad-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni ppreċiżat li, “[f]ilment f'din il-kawża, [DEI] tirreferi wkoll għall-[ilment tal-2012]. F'dan l-ilment ġie allegat li d-Deċiżjoni Nru 346/2012 tal-[RAE], li ffixsat tariffa provviżorja tal-elettriku fornut lil Alouminion sakemm it-tilwima bejn dawn iż-żewġ partijiet dwar l-imsemmija tariffa tiġi rizołta, obbligat lil DEI tforni l-elettriku lil Alouminion bi prezz irħas

2 — “[...] the State does not seem to have had the possibility to dictate the decision of the arbitration tribunal”.

mill-prezz tas-suq u, konsegwentement li tagħti għajnuna mill-Istat lil Alouminion. Madankollu, peress li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ issostitwixxiet għalkollox u retroattivament it-tariffa provviżorja stabbilita mill-[RAE], il-Kummissjoni tqis li l-ilment [tal-2012] ma għadx għandu skop". [traduzzjoni mhux uffċjali]

12. Permezz ta' ittri tas-27 ta' April 2015 u tad-19 ta' Ġunju 2015 indirizzati lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li, wara d-deċiżjoni formali, ir-rikors ippreżentat kontra l-ittra kontenzjuża ma kienx għad għandu skop u li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq dan is-suġġett. DEI ppreżentat lill-Qorti Ġenerali l-osservazzjonijiet tagħha dwar din it-talba permezz ta' ittra tat-3 ta' Lulju 2015.

13. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Ġunju 2015, DEI talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2015 [Kawża DEI vs Il-Kummissjoni (T-352/15), pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali].

14. Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors għal annullament kontra l-ittra kontenzjuża, peress li d-deċiżjoni formali kienet ħassritha u ssostitwixxietha formalment, b'tali mod li din tal-aħħar ma kinitx għadha tappartjeni għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

15. Skont il-Qorti Ġenerali, l-argumenti ta' DEI ma kinux jippermettu li din il-konklużjoni tiġi kkontestata.

16. L-ewwel nett, din iddeċidiet li, f'dan id-digriet, hija ma kinitx obligata tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni formali li tgawdi mill-preżunzjoni ta' legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet, sakemm din ma kinitx ġiet irtirata jew annullata jew iddikjarata invalida. Għalhekk, hija ċaħdet l-argument li jsostni li din id-deċiżjoni hija illegali, u b'hekk ir-rikors fil-Kawża T-639/14 iżomm l-iskop tiegħu.

17. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali rrifjutat l-allegazzjoni ta' DEI li skontha hija għandha interess ġuridiku fir-rigward tal-ittra kontenzjuża sabiex tevita li l-illegalità invokata u li tikkonċerna l-imputabbiltà tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ lill-Istat Grieg terġa' sseħħ fil-futur. Skont il-Qorti Ġenerali, din l-allegata illegalità ma tinsabx fl-ittra kontenzjuża u, fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni dwar jekk DEI tatx prova jew le tal-eżistenza ta' ksur tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat hija s-suġġett tar-rikors kontra d-deċiżjoni formali.

18. Fl-aħħar, it-tielet nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors għal dak li jikkonċerna l-ilment tal-2012 peress li, permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni ċaħdet b'mod impliċitu dan l-ilment tal-2012.

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Permezz tal-appell tagħha, DEI titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-digriet appellat;
- tordna r-rinviju tal-kawża lill-Qorti Ġenerali, sabiex din tiddeċiedi dwar it-talbiet tagħha fil-kuntest tal-appell, li permezz tagħhom hija titlob l-annullament tal-ittra kontenzjuża, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha sostnuti kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest tal-appell.

20. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lil DEI għall-ispejjeż.

V. Fuq it-tieni aggravju tal-appell ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva

A. L-argumenti tal-partijiet

21. DEI ssostni li, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni formali, il-Kummissjoni irtirat l-ittra kontenzjuża bi ksur tar-rekwiżiti li joriġinaw mis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783). Mill-punti 70 u 71 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-irtirar ta' att ikun permess sabiex tiġi rrimedjata illegalità bil-kundizzjoni li l-att ta' rtirar jew ta' sostituzzjoni jindika n-natura tal-illegalità li huwa vvizzjat biha l-att irtirat. Peress li dan ma huwiex il-każ tad-deċiżjoni formali, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 39 sa 41 tad-digriet appellat, injorat dan ir-rekwiżit u b'hekk kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

22. Il-Kummissjoni tqis li l-punti 38 sa 51 tad-digriet appellat ma fihomx motivi sussidjarji. Konsegwentement, it-tieni aggravju indirizzat kontra xi wieħed minn dawn il-motivi jkun manifestament ineffettiv.

23. Fi kwalunkwe każ, dawn l-argumenti jkollhom jiġu miċħuda b'ħala infondati peress li d-deċiżjoni formali kienet tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti li joriġinaw mill-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783).

24. Fil-fatt, il-Kummissjoni rtirat b'effett retroattiv l-ittra kontenzjuża peress li din kienet ivvizzjata b'difett proċedurali. Fil-qasam tal-ġhajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tkun marbuta tadotta deċiżjoni formali skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339)³, meta din tikkonstata, wara eżami preliminari, li l-miżura nnotifikata ma tikkostitwixxix ġhajnuna mill-Istat.

25. Barra minn hekk, wara l-irtirar tal-ittra kontenzjuża, il-Kummissjoni ma reġgħetx lura għall-proċedura fi stadju li jiġi qabel dak li fih seħħet l-illegalità. Peress li l-għan ta' din l-ittra kien l-għeluq tal-fażi preliminari tal-eżami, il-Kummissjoni, ġustament, adottat id-deċiżjoni formali għal dan l-istess għan fuq il-bażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999. Kien ikun mod ieħor kieku l-Kummissjoni sempliċement irtirat l-ittra kontenzjuża mingħajr ma għalqet il-fażi preliminari tal-eżami.

26. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, dan ma nkisirx, peress li, fil-kuntest tal-Kawża T-352/15, DEI kellha l-possibbiltà li tikkontesta d-deċiżjoni formali u li ssostni li l-Kummissjoni kellha tagħti segwitu ieħor għall-ilmenti tal-2012 u tal-2013.

B. Evalwazzjoni

27. Fil-fehma tiegħi, il-punti 39 sa 41 tad-digriet appellat imsemmija fl-appell ta' DEI ma fihomx motivi superfluwi peress li, jekk DEI kellha raġun, fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783), il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiddeċiedi li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni. F'dan is-sens, it-tieni aggravju ta' DEI ma jistax jiġi miċħud b'ħala ineffettiv.

28. Madankollu, inqis li dan huwa infondat u għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet li ġejjin.

3 — Mix-xahar ta' Ottubru 2015, dan ir-regolament ġie ssostitwit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9). F'dawn il-konklużjonijiet, jien ser nirreferi għall-verżjoni kkonsolidata tar-Regolament Nru 659/1999 li kienet applikabbli fid-data tal-ittra kontenzjuża, jiġifieri fit-12 ta' Ġunju 2014.

1. Osservazzjonijiet preliminari

29. Id-dritt tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jirtiraw l-atti tagħhom jinvolti, minn naħa, il-prinċipji ta' legalità u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u, min-naħa l-oħra, in-natura favorevoli jew mhux favorevoli tal-att inkwistjoni għall-persuna kkonċernata minnu⁴.

30. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja⁵, att ta' istituzzjoni tal-Unjoni li jagħti drittijiet suġġettivi *fil-prinċipju* ma jistax jiġi rtirat jekk ikun att legali, peress li, wara li d-dritt suġġettiv ikun inkiseb, il-ħtieġa li tiġi protetta l-fiduċja fl-istabbiltà tas-sitwazzjoni maħluqa b'dan il-mod tipprevali fuq l-interess tal-istituzzjoni li tkun trid terġa' lura mid-deċizzjoni tagħha. Din il-ġurisprudenza ma tippreċiżax il-kundizzjonijiet eċċezzjonali li taħthom jista' jiġi rtirat att simili.

31. Min-naħa l-oħra, istituzzjoni li tikkonstata li wieħed mill-atti tagħha li jagħti drittijiet suġġettivi huwa vvizzjat b'illegalità tista' tirtirah fi żmien raġonevoli, b'effett retroattiv, iżda filwaqt li tosserva l-limiti imposti mill-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarju tal-att li seta' jiddependi fuq il-legalità tiegħu⁶.

32. Madankollu, bħalma ddeċidiet diġà l-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-prinċipji ma japplikawx għall-atti li jikkawżaw preġudizzju⁷. L-istituzzjonijiet fil-fatt jistgħu jirtiraw atti simili b'effett retroattiv, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-att inkwistjoni huwiex legali jew illegali. Fil-fatt, peress li l-irtirar ta' att li jikkawżalha preġudizzju huwa favorevoli għall-parti kkonċernata, dan l-irtirar ma jistax imur kontra l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi legittimi⁸.

33. Fil-fehma tiegħi, dan japplika wkoll għall-irtirar parzjali ta' att li jikkawża preġudizzju. Fil-fatt, anki jekk il-preġudizzju jippersisti, l-irtirar parzjali tal-att huwa favorevoli għall-parti kkonċernata, peress li jnaqqas il-portata tat-tilwima jew tal-preġudizzju/i.

2. Is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783)

34. Il-kawża li wasslet għal din is-sentenza kienet tikkonċerna, bħal din il-kawża, l-għajjnuna mill-Istat, jiġifieri lment ta' Athinaiki Techniki AE dwar allegata għajjnuna mill-Istat mogħtija mill-Istat Grieg lill-konsorzju Hyatt Regency fil-kuntest tal-kuntratt pubbliku "Casino Mont Parnès". Fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Kummissjoni għall-ewwel kienet iddeċidiet li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward tal-ilment ta' Athinaiki Techniki iżda, wara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-521/06 P, EU:C:2008:422)⁹, hija kienet irtirat id-deċizzjoni tagħha li ma tittiħidx azzjoni u fetħet mill-ġdid il-fajl billi stiednet mill-ġdid lil Athinaiki Techniki tippreżenta elementi li jindikaw l-għoti ta' għajjnuna mill-Istat illegali.

4 — Ara Craig, P., *EU Administrative Law*, it-2 ed., Oxford University Press, 2012, Kap. 16.

5 — Ara s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 1957, *Algera et vs L-Assemblea Komuni (7/56 u 3/57 sa 7/57)*, EU:C:1957:7; tat-22 ta' Marzu 1961, *Snupat vs L-Awtorità Għolja (42/59 u 49/59)*, EU:C:1961:5; tat-13 ta' Lulju 1965, *Lemmerz-Werke vs L-Awtorità Għolja (111/63)*, EU:C:1965:76, kif ukoll tat-22 ta' Settembru 1983, *Verli-Wallace vs Il-Kummissjoni (159/82)*, EU:C:1983:242, punt 8).

6 — Ara s-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, *Herpels vs Il-Kummissjoni (54/77)*, EU:C:1978:45, punt 38); tat-3 ta' Marzu 1982, *Alpha Steel vs Il-Kummissjoni (14/81)*, EU:C:1982:76, punt 10); tas-26 ta' Frar 1987, *Consorzio Cooperative d'Abruzzo vs Il-Kummissjoni (15/85)*, EU:C:1987:111, punt 12), kif ukoll tas-17 ta' April 1997, *de Compte vs Il-Parlament (C-90/95 P)*, EU:C:1997:198, punt 35).

7 — Ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, *Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P)*, EU:C:2010:783, punt 60). Ara wkoll, f'dan is-sens, il-punt 80 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża *Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P)*, EU:C:2010:492).

8 — Ara Craig, P., *op. cit.* p. 558.

9 — Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li Athinaiki Techniki kienet ippreżentat rikors għal annullament kontra att li ma kienx jipproduċi effetti legali u, għalhekk, li dan ma kienx jista' jiġi kkontestat fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE. Konsegwentement, hija annullat id-digriet tas-27 ta' Novembru 2009, *Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (T-94/05 RENV)*, mhux ippubblikat, EU:T:2009:471) u baġhtitilha l-kawża lura quddiemha sabiex tagħti deċizzjoni fuq it-talbiet ta' Athinaiki Techniki għall-annullament tal-ewwel deċizzjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha din tal-aħħar kienet iddeċidiet li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward tal-ilment ta' Athinaiki Techniki.

35. Konsegwentement, hija kienet marret lura għall-bidu tal-proċedura ta' eżami preliminari tal-ilment ta' Athinaiki Techniki minflok ma kompliet mill-mument li fih kienet seħħet l-illegalità kkonstatata mis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-521/06 P, EU:C:2008:422), jiġifieri mill-mument fejn il-Kummissjoni kellha tiddeċiedi jew li tikkonstata l-ineżistenza tal-ghajjnuna, jew li ma tqajjimx oġġezzjonijiet jew li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) sa (4) u tal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 659/1999.

36. Madankollu, bħalma nnota l-Avukat Ġenerali Bot fil-punt 101 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:492), meta stiednet mill-ġdid lil Athinaiki Techniki sabiex tippreżenta elementi li jindikaw l-għoti ta' ghajjnuna illegali, il-Kummissjoni obligatha “[iddur] f'ċirku”. Jekk jiġi ammess [...] li tali rtirar huwa legali dan jista' jkollu l-effett li jippermetti lill-Kummissjoni tibqa' fi stat ta' inattività għall-kuntrarju tal-obbligi tagħha fil-qasam ta' ghajjnuna mill-Istat, għaliex [...] huwa biżżejjed li din l-istituzzjoni ma tieħux azzjoni fir-rigward ta' ilment imressaq minn persuna kkonċernata u, wara l-introduzzjoni ta' rikors minn tali persuna, terġa tiftaħ mill-ġdid il-fażi ta' eżami preliminari u tirrepeti dawn il-proċeduri kemm il-darba jkun hemm bżonn biex tevita kwalunkwe sħarriġ ġudizzjarju tal-azzjonijiet tagħha”.

37. Il-Qorti tal-Ġustizzja approvat b'mod espliċitu din l-analiżi tal-Avukat Ġenerali Bot billi ddeċidiet, fil-punt 68 tas-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783), li, “[k]ieku l-Kummissjoni kienet intitolata li tirtira att bħall-att ikkontestat fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, din setgħet tipperpetwa n-nuqqas tagħha milli tiegħu azzjoni matul il-fażi ta' eżami preliminari b'mod li jmur kontra l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 13(1) u 20(2) tar-Regolament Nru 659/1999 u tevita kull sħarriġ ġudizzjarju. Fil-fatt, kif jirriveva l-Avukat Ġenerali [Bot] fil-punt 101 tal-konklużjonijiet, huwa biżżejjed li din l-istituzzjoni ma tieħux azzjoni fir-rigward ta' ilment imressaq minn persuna interessata u, wara l-introduzzjoni ta' rikors minn tali persuna, tirtira d-deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni, terġa tiftaħ mill-ġdid il-fażi ta' eżami preliminari u tirrepeti dawn il-proċeduri kemm il-darba jkun hemm bżonn sabiex tevita kwalunkwe sħarriġ ġudizzjarju tal-azzjonijiet tagħha”.

38. Għalhekk huwa sabiex tiġi evitata sitwazzjoni bħal din li wieħed jista' jikkwalifikaha bħala abbuż mill-proċedura min-naħa tal-Kummissjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 70 ta' din is-sentenza, li, “[f]id-dawl tar-rekwiżiti ta' amministrazzjoni tajba u ta' ċertezza legali, kif ukoll tal-prinċipju ta' protezzjoni ġuridika effettiva, għandu jitqies, minn naħa, li l-Kummissjoni tista' tirtira biss deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' ilment dwar allegata ghajjnuna illegali, bl-għan li tirrimedja l-illegalità fl-imsemmija deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, li wara tali rtirar hija ma tistax tkompli l-proċedura minn stadju ta' qabel il-punt preċiż li fih l-illegalità kkonstatata tkun twettqet”.

39. Fuq din il-bażi, hija ddeċidiet, fil-punt 74 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni ma kinitx intitolata tirtira l-att ikkontestat u li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiddeċiedi li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni.

40. Fil-punt 70 tal-imsemmija sentenza, li tinsab fil-qalba tad-dibattiti fit-tieni aggravju, il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk imponiet, bl-użu ta' paratassi, żewġ kundizzjonijiet kumulattivi li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex l-irtirar ta' deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' lment ikun legali.

3. *Applikazzjoni f'din il-kawża*

a) *Prinċipalment*

41. Għandu jiġi aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola klassika fil-qasam tal-irtirar ta' atti li skontha att li jikkawża preġudizzju jista' jiġi sempliċement irtirat għandha tiġi eskluża fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li, fl-aħħar tal-proċedura ta' eżami preliminari ta' lment, jikkonstataw l-ineżistenza tal-għajnuna jew ma jqajmux oġġezzjonijiet. Fil-fatt, l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999 jirrikjedi li l-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni fl-aħħar ta' din il-proċedura.

42. Madankollu, mis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783), ma jirriżultax li l-Qorti tal-Ġustizzja riedet timponi regola ġdida fil-qasam tal-irtirar ta' att applikabbli biss għas-sitwazzjoni ta' deċiżjonijiet li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' lmenti dwar l-għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, qari letterali tal-punt 70 ta' din is-sentenza li jirrikjedi li l-ewwel kundizzjoni li l-imsemmi punt jimponi, jiġifieri li l-irtirar ta' deċiżjoni jista' jseħħ biss "bl-għan li [j]irrimedja illegalità fl-imsemmija deċiżjoni"¹⁰, ikun jimplika li l-irtirar huwa impossibbli għal kwalunkwe raġuni oħra.

43. Dan il-qari li jevita kull irtirar ta' att legali li jikkawża preġudizzju jidhirli li huwa riġidu wisq, meta titqies ir-raġuni li wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar il-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783) bħalma għamlet fil-punt 70 tagħha.

44. Fil-fatt, bħalma spjegajt fil-punti 36 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, bl-irtirar tad-deċiżjoni tagħha li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward tal-ilment ta' Athinaiki Techniki u bl-istedina lil din tal-aħħar biex tippreżenta osservazzjonijiet mill-ġdid, il-Kummissjoni, minn naħa, kienet qiegħda testendi l-istat ta' nuqqas ta' azzjoni b'rabta mal-obbligu tagħha li joriġina mill-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999 li tiegħu deċiżjoni, jiġifieri jew li tikkonstata l-ineżistenza tal-għajnuna, jew li ma tqajjimx oġġezzjonijiet jew li tinbeda l-proċedura formali għall-investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, din kienet qiegħda timponi lil Athinaiki Techniki sabiex "iddur f'ċirku", peress li l-proċedura ta' eżami preliminari kienet se tibda mill-bidu nett.

45. Bid-deċiżjoni, fil-punt 70 tal-imsemmija sentenza, li "l-Kummissjoni tista' tirtira biss deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' ilment dwar allegata għajnuna illegali, bl-għan li tirrimedja illegalità fl-imsemmija deċiżjoni", il-Qorti tal-Ġustizzja kellha fil-mira dan l-istat ta' nuqqas ta' azzjoni li kienet tinsab fih il-Kummissjoni, filwaqt li l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999 kien jobbligaha li tiegħu deċiżjoni. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-punti 64 u 68 tal-imsemmija sentenza fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi b'mod espliċitu għar-riskju li "tipperpetwa n-nuqqas [...] milli tiegħu azzjoni" kif ukoll mill-punt 101 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:492).

46. Fil-fehma tiegħi, fuq il-bażi ta' interpretazzjoni teleoloġika u raġonevoli tal-punt 70 tal-imsemmija sentenza u tal-osservazzjonijiet preliminari magħmula iktar 'il fuq fil-punti 29 sa 33 ta' dawn il-konklużjonijiet, deċiżjoni legali li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' lment meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999 tista' tiġi rtirata sakemm dan l-irtirar ma jwassalx għal stat ta' nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni, li ma jkunx il-każ meta deċiżjoni simili tiġi ssostitwita minn deċiżjoni oħra li ma tittiħidx azzjoni dwar ilment jew deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet jew anki deċiżjoni li tinbeda l-proċedura formali għall-investigazzjoni.

10 — Traduzzjoni fidila tal-verżjoni bil-lingwa Griega tal-imsemmija sentenza – peress li l-lingwa Griega kienet il-lingwa tal-proċedura f'din il-kawża – li tindika li l-Kummissjoni tista' tirtira deċiżjoni simili "biss biex tirrimedja nuqqas ta' legalità li jivvizzja d-deċiżjoni inkwistjoni" (μόνο για να επανορθώσει έλλειψη νομιμότητας από την οποία πάσχει η εν λόγω απόφαση). Enfasi miżjuda minni.

47. Din ma hijiex is-sitwazzjoni f'din il-kawża.

48. Fil-fatt, f'din il-kawża, permezz tal-ittra kontenzjuża tagħha, il-Kummissjoni informat lil DEI bid-deċiżjoni tagħha li ma tkompli bl-eżami tal-ilment tal-2013, peress li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ, li kienet issostitwixxiet b'tariffa ġdida tal-elettriku lil dik it-tariffa li kienet is-suġġett tal-ilment tal-2012, ma kinitx tikkostitwixxi miżura imputabbli lill-Istat, ma kinitx tagħti vantaġġ selettiv lil Alouminion u għalhekk ma kinitx tikkostitwixxi għajna mill-Istat. Hija ma kinitx tinsab fi stat ta' nuqqas ta' azzjoni tant li DEI kienet obbligata "ddur f'ċirku" u lanqas ma fetħet mill-ġdid il-fażi ta' eżami preliminari.

49. Konsegwentement, l-irtirar tal-ittra kontenzjuża kien legali u d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni jidhri li hija ġustifikata.

b) *Sussidjarjament*

50. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-interpretazzjoni teleoloġika tal-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783), u tadotta interpretazzjoni letterali tiegħu, għandu jiġi eżaminat jekk, fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni pproċedietx għall-irtirar tal-ittra kontenzjuża "bl-għan li tirrimedja illegalità fl-imsemmija [ittra] u, min-naħa l-oħra, li wara tali rtirar hija ma tistax tkompli l-proċedura minn stadju ta' qabel il-punt preċiż li fih l-illegalità kkonstatata tkun twettqet", li jimplika li għandha tiġi analizzata tad-deċiżjoni formali.

51. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni emendat l-ittra kontenzjuża fir-rigward ta' żewġ punti iżda mingħajr ma biddlet la d-direzzjoni u lanqas ir-riżultat tad-deċiżjoni tagħha.

52. Fl-ewwel lok, id-deċiżjoni formali emendat il-forma li kellha l-ittra kontenzjuża. Din tal-aħħar, li kien fiha d-deċiżjoni li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma kinitx tikkostitwixxi għajna mill-Istat, kellha l-forma ta' ittra ffirmata minn uffiċjal tal-Kummissjoni filwaqt li d-deċiżjoni formali kienet iffirmata mill-membri tal-Kummissjoni responsabbli għall-għajna mill-Istat.

53. Fit-tieni lok, mingħajr ma biddlet ir-riżultat tad-deċiżjoni tagħha li skontha d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma tikkostitwixxix għajna mill-Istat, id-deċiżjoni formali emendat il-motivazzjoni tal-ittra kontenzjuża sa fejn il-Kummissjoni abbandunat l-argument tagħha li skontu d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma kinitx miżura imputabbli lill-Istat. Fid-deċiżjoni formali tagħha, il-Kummissjoni llimitat ruħha li teżamina, bl-applikazzjoni tal-kriterju ta' investitur privat, jekk id-deċiżjoni ta' arbitraġġ kinitx tagħti vantaġġ lil Alouminion.

1) *Emenda tal-forma tad-deċiżjoni*

54. Fir-rigward tal-emenda tal-forma tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li skontha d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma tikkostitwixxix għajna mill-Istat, l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 659/1999 jipprevedi li, "[f]ejn il-Kummissjoni, wara eżami preliminari, issib li l-miżura notifikata ma tikkostitwixxix għajna, għandha tirreġistra dik is-sejba *permezz ta' deċiżjoni*"¹¹. Fir-rigward tad-drittijiet tal-partijiet ikkonċernati bħal DEI, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi li "[l]-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tad-*deċiżjoni* fuq każ li jikkonċerna s-suġġett tal-ilment lil min ilmenta"¹².

11 — Enfasi miżjuda minni.

12 — Enfasi miżjuda minni.

55. Fil-punt 31 tar-risposta tagħha, il-Kummissjoni tammetti li l-ittra kontenzjuża kienet invizzjata b'illegalità peress li din ma kinitx fil-forma meħtieġa mir-Regolament Nru 659/1999 u li DEI kienet konxja minn dan id-difett proċedurali, peress li hija kienet invokatu bħala l-ewwel motiv għall-annullament tal-ittra kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali.

56. Indipendentement mill-interpretazzjoni stretta u letterali jew wiesgħa u teleoloġika tal-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783), l-irtirar ta' att illegali li jikkawża preġudizzju huwa ċertament possibbli sabiex tiġi rrimedjata din l-illegalità. Il-parti kkonċernata ma jista' jkollha l-ebda aspettattiva leġittima dwar il-fatt li att legali jinżamm, peress li dan ikun imur kontra l-prinċipju ta' legalità li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkonformaw miegħu.

57. Barra minn hekk, ma jistax jiġi kkontestat li l-Kummissjoni ma komplietx il-proċedura minn stadju ta' qabel dak li fih seħħ id-difett proċedurali. Kemm l-ittra kontenzjuża kif ukoll id-deċiżjoni formali jagħlqu l-fażi ta' eżami preliminari.

58. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fir-rigward tal-emenda tal-forma tad-deċiżjoni tagħha li skontha d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma tikkostitwixx għajnuna mill-Istat, id-deċiżjoni formali tal-Kummissjoni tosserva l-prinċipji li tirreferi għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783).

2) *Emenda tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni*

59. Fir-rigward tal-emenda tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni ma taċċettax li l-motivazzjoni tal-ittra kontenzjuża kienet invizzjata b'illegalità. Billi ma marritx lura għall-argument tan-nuqqas ta' imputabbiltà tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ lill-Istat, il-Kummissjoni sempliċement iddeċidiet li tabbanduna dan l-argument.

60. Preċiżament għall-istess raġuni u billi tibbaża fuq il-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783), DEI ssostni li l-irtirar tal-ittra kontenzjuża huwa illegali, peress li dan l-irtirar ikun permess biss bl-għan li tiġi rrimedjata illegalità u bil-kundizzjoni li l-att ta' rtirar jew ta' sostituzzjoni jkun jindika n-natura tal-illegalità li biha kien invizzjat l-att irtirat.

61. Fil-fehma tiegħi, għar-raġunijiet li semmejt fil-punti 40 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-prinċipji stabbiliti fil-punt 70 ta' din is-sentenza ma jimpedixx lill-Kummissjoni milli tirtira l-ittra kontenzjuża u temenda l-motivazzjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward tal-ilment ta' DEI bil-mod kif għamlet dan peress li dan l-irtirar ma kellux l-effett li jipperpetwa nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni u li jobligha għalhekk lil DEI sabiex "iddur f'ċirku"¹³.

62. Mhux talli d-deċiżjoni formali tagħlaq il-proċedura ta' eżami preliminari f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 659/1999, talli din tmur fl-istess direzzjoni tal-ittra kontenzjuża u toffri lil DEI raġunament manifestament iktar iddettaljat u iktar fil-fond minn dak li jinsab fl-ittra kontenzjuża fir-rigward tan-nuqqas ta' vantaġġ. Id-deċiżjoni formali għalhekk tosserva l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ddikjarat fl-Artikolu 41(1) u (2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

13 — Ara l-espressjoni illustrata użata mill-Avukat Ġenerali Bot fil-punt 101 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:492). Ara wkoll, il-punti 36 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

63. Barra minn hekk, bħalma ssostni l-Kummissjoni, DEI ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni formali li hija s-suġġett tal-kawża DEI vs Il-Kummissjoni (T-352/15), pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali. Matul din il-proċedura, DEI se jkollha l-okkażjoni li tafferma li l-Kummissjoni kellha tagħti segwitu differenti għall-ilmenti tagħha. F'dan is-sens, ma hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

64. Din l-evalwazzjoni ma tistax titqiegħed f'dubju mill-argument ta' DEI li skontu l-irtirar tal-ittra kontenzjuża għandu l-effett li jċaħħadha mill-possibbiltà li tikkontesta n-nuqqas ta' imputabbiltà lill-Istat tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ, kif invokat mill-Kummissjoni f'din l-ittra.

65. Ninnota f'dan ir-rigward li, fir-realtà, peress li l-erba' kundizzjonijiet għall-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat huma kumulattivi¹⁴, l-emenda tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħtix segwitu għall-ilmenti ta' DEI bl-ebda mod ma tikkawżalha preġudizzju peress li, b'dan il-mod, il-Kummissjoni naqqset il-portata tad-dibattitu minn żewġ kriterji għal wieħed biss, jiġifieri dak tal-eżistenza ta' vantaġġ. F'dan is-sens, l-irtirar parzjali tal-att li jikkawża preġudizzju jiffavorixxi lil DEI u ma jistax jitqies bħala li jmur kontra l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

66. Ir-risposta tista' tkun differenti li kieku, wara annullament eventwali tad-deċiżjoni formali, il-Kummissjoni tiegħu deċiżjoni ġdida li tmur fl-istess direzzjoni tad-deċiżjoni formali u tkun ibbażata fuq in-nuqqas ta' imputabbiltà tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ lill-Istat. Madankollu, dan (għadu) ma huwiex il-każ f'din il-kawża u ma jistax jitqies fil-kuntest ta' dan l-appell.

67. B'mod superfluwu, inżid li, fi kwalunkwe każ, l-argumenti ta' DEI lanqas ma jistgħu jirnexxu fuq il-bażi ta' qari strett u letterali ħafna tal-punt 70 tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-362/09 P, EU:C:2010:783). Fl-ewwel lok, l-ittra kontenzjuża għet irtirata sabiex tiġi korretta illegalità, jiġifieri d-difett proċedurali. Fit-tieni lok, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni formali wara l-irtirar tal-ittra kontenzjuża, il-Kummissjoni ma kinitx komplet il-proċedura minn stadju ta' qabel il-punt preċiż li fih seħħ id-difett proċedurali.

68. Minn dak preċedenti jirriżulta li l-irtirar ta' deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' lment sabiex tiġi rrimedjata illegalità mingħajr ma l-proċedura titkompla minn stadju ta' qabel il-punt preċiż li fih twettqet l-illegalità ma jsirx illegali jekk, fl-att il-ġdid, l-awtur tiegħu jkun emenda l-motivazzjoni f'direzzjoni favorevoli għall-parti kkonċernata.

VI. Konklużjoni

69. Għal dawn ir-raġunijiet u bla ħsara għall-eżami tal-aggravji l-oħra tal-appell, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni aggravju tal-appell.

14 — Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex miżura tkun tista' taqa' taħt l-Artikolu 107(1) TFUE bħala għajjnuna mill-Istat, din għandha, fl-ewwel lok, tkun tikkonsisti f'intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat (kundizzjoni inkwistjoni hawnhekk); fit-tieni lok, tkun tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri; fit-tielet lok, għandha tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha (kundizzjoni li tippersisti fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni formali) u, fir-raba' lok, għandha twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, u dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi. Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et* (C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).